BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 03/11 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 14 ta' April 2011 fis-6.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużata** | **Mrs Sarah Cuschieri** |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 02/11 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/04 -* Electro Waste Malta Ltd. bagħtu ittra sabiex jintroduċu mal-Kunsill ix-xogħol li huma jagħmlu kif ukoll għamlu talba biex jiltaqgħu mal-Kunsill ħalli jispjegaw aktar fid-dettal il-proġetti li għandhom għaddejjin bħalissa. Il-Kamra laqgħet din it-talba u għandha ssir laqgħa ma' din il-kumpanija.

*02/04 -* Għal sena oħra tressqet talba minn Moto World sabiex għal perijodu ta' bejn l-1 ta' Ġunju 2011 u t-30 ta' Settembru 2011 joperaw 'track for quad bikes' fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba.

*03/04 -* Bħas-snin preċedenti tressqet talba mis-Sur Pirotta sabiex għal perijodu bejn Ġunju u Settembru jarma *bouncing castle* fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba

*04/04 -* Bħal kull sena l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura ser torganizza 'The Great Spring Show' nhar l-14 u 15 ta' Mejju 2011. Huma qegħdin jistiednu l-Kunsill sabiex jieħu sehem f'din il-wirja. R.Zahra ġentilment offra li jieħu ħsieb hu sabiex ilesti din il-qoffa ta' ħxejjex.

***AĠENDA -3***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra il-*Financial Statements* bl-*adjustments* li pproponew l-awdituri. Dawn ġew approvati mill-Kamra.

***AĠENDA -4***

Dan il-punt tal-Aġenda ma ġiex diskuss minħabba li l-*Fund Raising Activity* ġiet imħassra.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Marzu 2011. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €63,198.53 titħallas skond skeda 03/11.

***AĠENDA -6***

1. B.Pace informat lill-Kamra fir-rigward ta' laqgħa li kellha fuq fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jintużaw fil-lokal għal restawr biex niġbdu aktar turiżmu. Il-programm ikkonċernat għandu 85% ko-finanzjament. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li minħabba l-finanzi limitati li għandu l-Kunsill ma nistgħux nidħlu għal aktar spejjeż fil-preżent.

2. R.Zahra informa l-Kamra fir-rigward ta' persuna li għandha tiġi tagħmel laqgħa mal-Kunsill sabiex jiddiskutu l-librerija pubblika kif ukoll il-bżonn għal *childcare centre*.

3. J.Baldacchino saħaq li l-grawnd tat-*turf* li sar ġewwa l-iskola fi Triq Żarenu Dalli għandu jintuża kemm mill-Klabbs tal-lokal kif ukoll mill-pubbliku in ġenerali u mhux ikun limitat għat-tfal tal-iskola fil-ħinijiet skolastiċi biss. Għaldaqstant għandha tinkiteb ittra lil min hu kkonċernat. Kulħadd qabel.

4. T.Roberts ippreżenta stima quddiem il-Kamra sabiex tiġi rranġata ż-żurżieqa fil-*playing-field* tal-Bajja s-Sabiħa ħalli nevitaw il-periklu li hemm. Ukoll saħaq li hemm bżonn issir tabella sabiex tindika li t-tfal għandhom ikunu akkumpanjati minn adulti meta jużaw il-*playing-field*.

5. Is-Sindku informa l-Kamra fir-rigward tax-xogħol li għaddej bħalissa f'Dawret il-Qalb Imqaddsa bħala parti mill-iskema PPP. Ukoll ippreżenta fuq il-mejda tal-Kamra 'artist impression' ta' tisbiħ propost mill-Gvern tal-monument li jfakkar is-Summit li kien sar f'Malta bejn l-Istati Uniti u r-Russja. Il-Kamra qablet li għandu jsir dan it-tisbiħ u aċċettat li meta dan il-monument jitlesta l-Kunsill jibda jieħu ħsieb il-manutenzjoni regolari tiegħu.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.15pm. Seduta oħra ser issir nhar, il-Ħamis, 19 ta' Mejju 2011 fis-1.30pm.

.

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## *Schedule of Payments 03/11*

## *Period 01/03/2011 till 31/03/2011*

| Cheque | To | For | Amount |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 8430 | Paulson | Microwave | €125.00 |
| 8427 | Clifford Vella | Books | €13.90 |
| 8428 | Golden Gate Co. Ltd | Stationery | €276.62 |
| 8431 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | €257.14 |
| 8432 | Swallow | Trips February 2011 + Extra Trips | €307.45 |
| 8433 | J. Brincat | Newspapers Jan - Feb 2011 | €83.65 |
| 8434 | Veritas Press | Printing of Newsletter Issue No. 11 | €1,365.00 |
| 8435 | Carmen Debattista | Library Opening for the months of Jan & Feb '11 | €187.52 |
| 8436 | J. Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | €408.43 |
| 8437 | WasteServ Malta Ltd | Tipping Fees Dec '10 - Jan '11 | €10,456.88 |
| 8439 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Signs | €741.79 |
| 8440 | MITA | Maintenance & Support Jan - Mar 2011 | €416.85 |
| 8441 | Mario Mallia | Road Paint | €195.24 |
| 8442 | Charlie's Ironmongery | Various Hardware Supplies | €1,973.82 |
| 8443 | Charlie Fenech | Tipper Truck February 2011 | €1,254.00 |
| P/O 8444 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Places February 2011 | €332.92 |
| P/O 8444 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Convenience February 2011 | €1,017.29 |
| P/O 8444 | Ronald & Chris Bezzina | Bulky Refuse February 2011 | €261.00 |
| P/O 8444 | Ronald & Chris Bezzina | Extra Work January 2011 | €20.00 |
| 8445 | ELC | Cleaning of Public Gardens February 2011 | €1,147.92 |
| 8446 | New Era Waste Services | Street Cleaning February 2011 | €1,939.58 |
| 8447 | RVS Ltd | Refuse Collection March 2011 | €7,594.00 |
| 8448 | Sound Vision Print Ltd | Advert 30/01/2011 | €70.42 |
| 8449 | Media Link Communications Co. Ltd | Advert 28/01/2011 | €54.75 |
| 8450 | Saviour Mifsud | Qtugh ta' Haxix Dec '10 - Feb '11 | €19,021.85 |
| 8451 | Zurrieq Joint Committee | Local Warden Services for the month of Jan '11 | €5,091.99 |
| 8452 | M.G. Pulis | Parts for Agricultural Machines | €47.65 |
| 8453 | Nexos Street Lighting Ltd | Lighting Maintenance & Repairs | €1,400.70 |
| 8454 | Raymond Cutajar | Use of School Hall Jan - Feb 2011 | €222.44 |
| 8455 | GO plc | Telephone expenses Jan 2011 | €392.91 |
| 8456 | JM Installations | Lighting Maintenance & Repairs | €2,501.46 |
| 8457 | Dove's Petshop | Various Hardware Supplies | €1,937.93 |
| 8458 | J.J Ironmongery | Various Hardware Supplies | €1,437.86 |
| 8459 | WSC - Arms Ltd | Electricity bill dd 16/03/11 | €328.10 |
| 8460 | Elmein Ltd | Maintenance agreement April '11 - April '12 | €314.47 |
| | | **Total Paid** | **€63,198.53** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**